C/2025/2121

9.4.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' April 2025

li tistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għar-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(C/2025/2121)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2019/1753, f'Ottubru u f'Novembru 2024, l-Istati Membri bagħtu lill-Kummissjoni 20 talba għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Internazzjonali tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti ("DOP"), tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("IĠP") u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("IĠ") skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] li joriġinaw fit-territorju tagħhom u li huma protetti skont id-dritt tal-Unjoni.

(2) Għalhekk, abbażi tat-talbiet rispettivi ta' dawk l-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi lista għal dawk id-DOP, l-IĠP u l-IĠ mitluba.

(3) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali bħala denominazzjonijiet ta' oriġini fir-rigward ta' ismijiet protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 bħala DOP għall-inbid u għall-prodotti agrikoli, u applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali bħala indikazzjonijiet ġeografiċi fir-rigward ta' ismijiet protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 bħala IĠP għall-inbid u għall-prodotti agrikoli jew bħala IĠ għal xorb spirituż.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika dwar il-Kwalità għal prodotti agrikoli, inbid u xorb spirituż,

[1] ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1753/oj.

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Lista ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti (DOP), Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti (IĠP) u Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IĠ) skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143, protetti skont id-dritt tal-Unjoni, li għalihom il-Kummissjoni għandha tippreżenta applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2025.

Għall-Kummissjoni
Christophe HANSEN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Lista tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 (denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi) li jridu jiġu ppreżentati bħala applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1753

Prodotti agrikoli

Il-Ġermanja:

— Lübecker Marzipan (IĠP)

— Nürnberger Bratwürste / Nürnberger Rostbratwürste (IĠP)

— Oktoberfestbier (IĠP)

— Franza:

— Bleu du Vercors-Sassenage (DOP)

— Châtaigne d'Ardèche (DOP)

— Chevrotin (DOP)

— Pomme du Limousin (DOP)

— Noix du Périgord (DOP)

— Tome des Bauges (DOP)

— Volailles d'Ancenis (IĠP)

— Volailles du Gers (IĠP)

Inbid

Franza:

— Beaumes de Venise (DOP)

— Duché d'Uzès (DOP)

— Grignan-les-Adhémar (DOP)

— Vinsobres (DOP)

— Viré-Clessé (DOP)

— Périgord (IĠP)

— Saint-Guilhem-le-Désert (IĠP)

L-Italja:

— Vigneti delle Dolomiti / Weinberg Dolomiten (IĠP)

Xorb spirituż

L-Italja:

— Liquore di limone di Sorrento (IĠ)